**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 17**

**It-Tnejn, 22 ta' April 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.11 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 16 li saret it-Tnejn, 11 ta' Marzu 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR CLIFFORD GALEA VELLA MASLENNIKOV GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦAN-NAMIBJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, datata 20 ta' Marzu 2024, dwar in-nomina tas-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għan-Namibja.

Il-Kumitat stieden lil Sur Galea Vella Maslennikov sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Sur Galea Vella Maslennikov kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Sur Galea Vella Maslennikov li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Galea Vella Maslennikov ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala President tar-Reġjun tat-Tramuntana, u fl-istess ħin qed jagħmel Dottorat fil-Kultura fi ħdan l-Istudji Turistiċi, segwa l-professjoni ta' għalliem tal-istorja għal diversi snin u jqis ruħu patrijott Malti. Għandu għal qalbu ħafna l-istorja ta' Malta u serva għal bosta snin fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Is-Sur Galea Vella Maslennikov ippublika żewġ kotba dwar il-ħajja personali tiegħu u qed jiffinalizza t-tielet ktieb, li ser jiġi ppubblikat iktar tard din is-sena.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Is-Sur Galea Vella Maslennikov fiehem lill-kumitat kif beħsiebu jibda x-xogħol tiegħu ladarba jiġi approvat għall-ħatra ta' ambaxxatur mhux residenti għan-Namibja, fosthom faċilitazzjoni ta' viżi, in-negozju, l-edukazzjoni u ħidma bejn l-MCAST u n-Namibian Centre for Science and Technlology fost oħrajn.

Is-Sur Galea Vella Maslennikov stqarr li m'għandu l-ebda kunflitt ta' interess jew attività kummerċjali li tista' tkun konfliġġenti ma' dan l-irwol. Is-Sur Galea Vella Maslennikov ta rendikont tal-passat pubbliku tiegħu bil-vizzju tad-droga u l-irkupru sussegwenti u kif bis-saħħa ta' din l-esperjenza, sar bniedem iktar assertiv.

Fil-5.34 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Sur Galea Vella Maslennikov u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.36 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Sur Clifford Galea Vella Maslennikov għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Namibja, il-membri kollha tal-Kumitat ivvotaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem con.

Fil-5.37 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Galea Vella Maslennikov jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għan-Namibja ġiet approvata unanimament mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ.

Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.38 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**